MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Numru 916/1999

PULIZIJA
SUPRETENDENT ALEXANDRA MAMO
VS
NOEL (EMANUEL) CALLEJA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Noel (Emanuel) Calleja, ta’ 27 sena, iben Anthony u Mary Rosaria nee’ Borg, imwieled Attard fl-14 ta’ Mejju tan-1972, residenti no.59, Triq il-Buqexrem, Fgura u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 222572(M)

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-gzejjer matul dawn l-ahhar snin b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda:

a. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ Bank privat,

b'fasifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halaq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet,, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi, wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw, u cioe' billi ffalsifika invoices foloz tal-Kumpanija Ausonia Ltd. U halaq u ffalsifika dokumenti ohra, kif ukoll billi ffalsifika il-firem tad-Direttur ta' Ausonia Ltd. U Vivien Commercial Corporation Ltd. U l-firma ta' Paul Bonnici Mallia, ufficjal bankarju tal-BOV u aktar talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija hawn fuq u dan bi ksur ta' l-Art.183 u Art.184 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Illi huwa akkuzat ukoll talli bhala persuna li muhiex ufficjal jew impjegat pubbliku, b'abbuz ta' awtorita', minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu ma' Ausonia Ltd., kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz u aktar talli xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin bi ksur ta' Artikolu 185 (2) u 186 tal-Ka.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Akkuzat ukoll talli fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu, ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew f'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri jew f'atti pubblici ohra, wara li jkunu ga ffurmati jew maghluqa, ghamel falsifikazzjoni fi sktrittura privata li jkun jista' jaghmel hsara lil xi persuna jew igib utli u talli xjentement ghamel uzu minnha, bi ksur ta' l-Artikoli 187 (1) u 187 (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

d. Akkuzat ukoll talli ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta';

e. Akkuzat ukoll talli approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalieh jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir

uzu minnha specifikat, u cioe' flejjes tal-kumpanija Ausonia Ltd. li jeccedu s-somma ta' Lm1,000 u dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrijali, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju bi ksur ta' l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

f. Illi huwa akkuzat ukoll talli b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra, sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, ghamel qliegh b'qerq li jammonta ghal aktar minn Lm6,000 ghad-dannu tal-kumpanija Ausonia Co. Ltd. Vivien Commercial Corporation Ltd. u persuni ohra bi ksur ta' l-Artikolu 308 u 309 u 310 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-Verbal tat-28 ta' Ottubru 2008 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni jigu gudikat minn din il-Qorti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-prosekuzzjoni tal-25 ta' Gunju 2002 u tas-7 ta' Marzu 2003;

Rat id-decizjoni tieghu tat-28 ta' April 2003;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-prosekuzzjoni tas-6 ta' Mejju 2008

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tad-Difiza tas-7 ta' Mejju 2008

Ikkonsidrat:

In linia preliminari, l-Qorti hi tal-fehma illi l-Hard Disk ta’ l-imputat (l-ezebit Dok.SGZ) ghandu jigi ammess bhala xhieda f’din il-kawza in vista tal-konkluzjoni raggiunta mill-Espert Martin Bajada (ara Dok.MB Paragrafu 3.4. a fol 190 tal-Process) fejn ikkonkluda illi ma sabu ebda deletions jew alterazzjonijiet fil-Hard Disk li kien juza l-imputat waqt li kien impjegat ma’ Ausonia Limited wara t-28 ta’ April 1999.

Illi l-Ufficjal Prosekutur, Supretendent Alexandra Mamo xhedet (ara fol.8 sa 20) illi kienet irceviet kwerela ghan-nom ta’ Vivien Gatt ta’ Ausonia Limited illi l-imputat impjegat bhala General Manager ta’ wahda mis-socjetajiet sussidjarji, kien iffalsifika zewg faxes tal-Bank of Valletta datati 14 ta’ April 1999 u 29 ta’ April 1999, fejn il-Bank of Valletta l-ewwel waqqaf il-‘Project 2000’ tal-kumpanija u mbaghad assenja il-progett lil kumpanija ohra.

Wara s-sejba ta’ dawn il-faxes falsifikati, l-kumpanija Ausonia Limited bdiet investigazzjoni ntensiva fuq l-operat tal-imputat. Irrizulta illi l-imputat allegatament iffalsifika zewg invoices ta’ kumpaniji inezistenti.

Il-kumpanija Ausonia Limited sabet ukoll xi chequeiet fl-audited accounts taghha fejn flejjes dovuti lil kumpanija qatt ma depositati izda gew appropriate mill-imputat.

Dirigenti ta’ l-istess kumpanija nfurmaw lil Supretendent Alexandra Mamo illi fuq il-kompjuter tal-kumpanija sabu logo ta’ kumpanija inezistenti li x’aktarx intuzaw meta gew ffalsifikati l-invoices mill-imputat. Din il-‘computer data’ baqghet fil-pussess tal-kumpanija kwerelanti.

Supretendent Alexandra Mamo xhedet illi l-imputat inghata opportunita’ sabiex jinforma l-flus lil kumpanija izda dan ghadda inutilment. Supretendent Alexandra Mamo ezebit l-istqarrija tal-imputat Dok.AM1 li ghazel li ma jirrispondi ebda domanda dwar l-allegat falsifikazzjoni.

Vivien Gatt ta’ Vivien Corporation in Ausonia Limited (fol.23 et seq.) xhedet illi l-imputat kien impjegat mas-socjeta’ taghhom bhala General Manager. Vivien Gatt ezebixxa zewg faxes Dok.VG1 u Dok.VG2 allegatament mibghuta minn Ufficicjali tal-Bank of Valletta u xhed illi kien dahallu susspett f’dawn il-faxes, ghamel il-verifiki tieghu mad-Dirigenti gholja tal-Bank of Valletta u sab illi l-kontenut tal-faxes ma kienx vertier anzi kien iffalsifikat (ara fol.26 u 27). Vivien Gatt xhed illi kien ikkonfronta lill-imputat bil-kontenut tal-faxes u l-imputat kien ammetta mieghu u ta r-rizenja tieghu fit-28 ta’ April ta’ l-istess sena.

Illi wara dan, Vivien Gatt kien qabbad lil Awdituri minn Price Waterhouse Cooper sabiex jaghmlu l-indagini taghhom fuq l-operat ta’ l-imputat f’Ausonia Limited. Vivien Gatt xhed illi kien sab fil-kompjuter illi kien juza l-imputat, f’Ausonia Limited, dokumentazzjoni bil-logo tal-Bank of Valletta u ezebixxa Dok.VG4 u Dok.VG5, b’referenza ghal cheque ta’ mitejn u tlett liri u iehor f’ammont ta’ sitt mija u hames liri, illi fir-rigward ta’ dawn iz-zewg invoices, dawn deheru illi kienu inseriti fil-cash book bhala pagamenti li saru minn Noel Calleja ghan-nom ta’ Ausonia Limited li suppost thallsu lil Thomas Cook.

Minn indagni illi Vivien Gatt ghamel ma’ Brian Micallef, Managing Director ta’ Thomas Cook Financial Services, irrizulta illi l-ircevuti qatt ma hargu minn din il-kumpanija u li l-kumpanija Thomas Cook Finance Malta Limited, skond il-logo ta’ l-icevuta, ma tezistix. (ara Dok.VG6). Vivien Gatt xhed ukoll illi l-awdituri kienu sabu diskrepanza fl-istocks, fil-prezzijiet, f’discount notes u fi credit notes illi dwarhom kellu jixhed l-awditur. Illi di piu, kien hemm travelling expenses f’ammont ta’ erbat elef sebgha mija hamsa u hamsin lira (Lm4,755) illi gew zburzjati mill-kumpanija Ausonia Limited lill-imputat illi gie skopert illi dawn intefqu mill-imputat f’materji personali li ma kellhomx x’jaqsmu mal-kumpanija. In oltre, l-imputat, allegatament, awtorizza hrug ta’ cheque lil Sahara Limited, li wara verifiki deher illi din is-socjeta’ qatt ma rcieviet l-pagament. A fol.36, Vivien Gatt xhed illi l-imputat ghamel skrittura fejn ammetta illi d-De-La-Rue Project (Project 2000) kien falz u li t-travel expences tas-safar lejn Cologne u lejn Parigi kellhom jigu

rifuzi flimkien mal-prezz ta' zewg biljetti ta' l-arju lejn Istanbul. Ammetta wkoll, kif kellhom jigu rizarciti l-flus rigwardanti tac-cheques lejn Sahara Presentation Systems PLC u ta' Thomas Cook. Stqarr ukoll illi kien lest li jirrifondi somom ohra li setghu jirrizultaw wara l-audit minn Price Waterhouse Cooper.

Di piu, wara r-rizenja ta' l-imputat mill-kumpanija Ausonia Limited, certu Hugh Anastasi minn Ignazio Anastasi & Company Limited, kien jivverifika referenza ta' l-imput allegatament mahruga minn Vivien Gatt u minn hutu Lawrence u Stephen Gatt. Vivien Gatt ikkonferma illi l-firma tieghu kienet giet iffalsifikata u ezebixxa Dok.VG10, Dok.VG11 u Dok.VG12. Vivien Gatt ikkonferma illi l-kontenut ta' dawn l-ittri ma kienux veritirja.

In kontro ezami, Vivien Gatt xhed illi l-imputat kien johrog ic-cheques tal-pagi u tal-commission ta' l-impjegati l-ohra ta' Ausonia Limited u li dawn kienu jigu ffirmati minnu (Vivien Gatt) jew minn wiehed mid-Diretturi. Ikkonferma wkoll illi kien hemm zewg 'projectors' fost l-istock tal-kumpanija li kienu ser jinbieghhu 'second hand'.

Paul Bonnici Mallia, a fol.75, adett mal-Head Office tal-Bank of Valletta xhed illi waqt illi huwa kien rikoverat l-isptar kien gie rinfaccat bid-dokumenti VG1 u VG2, faxes allegatament mibghutin minnu. Ix-xhud Bonnici Mallia kkonferma li dawn il-faxes ma baghthomx hu u li l-firma ta' kinitx tieghu. Ikkonferma wkoll illi l-cosidett Progett 2000, qatt ma ezista.

Brian Micallef a fol.78, Managing Director ta' Thomas Cook Financing Services, ikkonferma li ghal kemm jaf lill-imputat, huwa qatt ma nnegozja mieghu jew mal-kumpanija Ausonia Limited u li Dok.VG4 u DokVG5 ma kienux ricevuti rilaxxati mill-kumpanija tieghu u li "Thomas Cook Finance Malta Limited" ma tezistix u li z-zewg ircevuti kienu foloz.

Lawrence Gatt a fol.84, ikkonferma li huwa Share Holder u Direttur fil-kumpanija Vivien Commercial u Ausonia Limited u kkonferma illi l-firma li tidher fid-Dok.VG11 ma

kinitx tieghu u l-kontenut tar-reference letter ma kienx veritier.

Stephen Gatt, co-Direttur ta' Ausonia Limited, a fol.87, irrifjuta l-firma fl-istess Dok.VG11

David Cremona, General Manager ta' Vivien Corporation, ikkonferma illi wara suspetti li kellu fuq l-imputat Noel Calleja, huwa kien ghajjat lil 'computer technicians' sabiex jiccekjaw il-kompjuter li kien juza Noel Calleja f'Ausonia Limited fejn gew misjuba logos ta' Thomas Cook falsifikati (Dok.VG4 u Dok.VG5), cheque tal-Bank of Valletta rigward pagament fuq invoice lil Sahara Limited (Dok.VG7 u Dok.VG8) li fil-fatt qatt ma gie imsarraf minn dik il-kumpanija. David Cremona xhed ukoll illi gie stabbiliet illi l-famuz Poject 2000 qatt ma kien ezista u li l-personal references allegatament mahruga mid-Diretturi ta' Vivien Commercial kienu foloz u dana b'referenza ghal Dok.VG11 u Dok.VG12.

PC 617 John Attard, ikkonferma l-istqarrija ta' l-imputat (fol.105 u 106).

Stephen Gatt a fol.131, ezebixxa Hard Disk tal-kompjuter li kien juza l-imputat f'Ausonia Limited, l-ezebit SGZ

John Carl Portelli a fol.136 ezebixxa Memorandum and Articles of Association ta' Vivien Corporation Limited u Ausonia Limited.

David Valenzia, minn Price Waterhouse Cooper, auditur tal-Kumpanija Vivien Corporation u Ausonia Limited, ikkonferma li l-imputat kien General Manager ta' Ausonia Limited, responsabbli ghal day to day operations tal-kumpanija, ghan-negozjar ta' kuntratti ta' bejgh mal-klijenti, ghal purchase orders u bank transactions, kif ukoll sabiex jircievi l-flus dovuti lil Kumpanija. David Valenzia xhed illi f'April tan-1999 gie nkarigat sabiex jaghmel ezami dettaljat ta' l-operat ta' Noel Calleja fejn instabu diskrepanzi f'ammont ta' tmien elef (Lm8,300) fl-istock. Gew identifikati bejgh b'discounts mhux awtorizzat, (f'ammont ta' hamest elf lira), nuqqas ta' cash (f'ammont

ta’ tmien mitt lira), overpayment ta’ sales girl (f’ammont ta’ Lm1,168) u travel and entertainment costs mhux awtorizzat ta’ hamest elef tlett mija hamsa u tmenin lira maltin (Lm5,385). Gie konfermat ukoll illi pagament lil Thomas Cook f’ammont ta’ tmien mija u disgha liri maltin (Lm809), kif ukoll pagament ta’ elfejn hamsa u hamsin lira maltin (Lm2,055) li Sahara Limited qatt ma thallsu lil dawn il-Kumpaniji; oltre Lm282 petty cash.

In kontro ezami, David Valenzia kkonferma illi ghal rigward ta’ diskrepanzi fl-istock f’ammont ta’ tmenin elf u tlett mitt lira maltin (Lm8,300) kien hemm diversi membri ta’ l-istaff li kellhom access ghall-istess stock. David Valenzia xhed illi fil-bidu l-Kumpanija kienu qed jippretendu s-somma ta’ tletin elf (Lm30,000) u li l-imputat ma kienx qed jaccetta uhud minn somom pretizi mill-Kumpanija. David Valenzia ezebixxa u kkonferma r-rapport tieghu Dok.DV a fol.155 et seq.

Anthony Azzopardi, Manager tal-Bank of Valletta, ikkonferma illi dwar ic-cheque numru 000535 datat 7 ta’ January 1999 mahrug minn Ausonia Limited, f’ammont ta’ elfejn erbgha u hamsin liri maltin punt tnejn u sittin il-centezmu (Lm2,054.62) pagabbli lil Bank of Valletta kien sar swift transfer lil Noel Calleja (il-beneficcjarju kienu CBN). L-istess haga sar rigward cheque jew cash order ta’ Sahara Presentation Systems PLC datat 21 ta’ Jannar tan-1999 li fuq dan sar swift transfer fit-3 ta’ Marzu tan-1999 liema swift transfer kien falz (ara Dok.AA1, 2, 3)

Martin Bajada a fol.183, ezebixxa r-relazzjoni tieghu Dok.MB (a fol.186 et seq.) fejn ikkonferma illi mid-data ta’ 28 ta’ April tan-1999 ma kien sar ebda “deletions” jew “alterations” fil-files kontenuti fil-Hard Disk Dok.SGZ

Vivien Gatt a fol.226, ikkonferma b’referenza ghal Dok.AA3, illi huwa ma awtorizzax il-pagament lil Sahara Presentation Systems.

Martin Bajada a fol.259 ezebixxa u halef it-tieni relazzjoni tieghu Dok.MB2 a fol.262 et seq. Martin Bajada

**kkonferma illi l-firma illi tidher fuq Dok.VG9 u Dok.AA4A huma ta' l-istess persuna**.

Paul Wismayer, Manager tas-Socjeta' 'Hardware Trading' u part-time Accounts Clerk mal-Kumpanija Ausonia Limited, ikkonferma li huwa kellu d-doveri ta' semplici 'book keeper' stante illi l-kumpanija kellha l-audituri taghha u li ma kellux dover illi jigri wara d-debituri tal-kumpanija ghaliex din kienet il-funzjoni ta' l-imputat. Paul Wismayer xhed illi fuq il-kompjuter kien hemm biss il-prezzijiet ta' kull oggett u mhux il-persentagg ta' discounts awtorizzati u li l-imputat kellu s-sales kollha f'idejh; li ghal rigward ta' 'stock taking' dan kien kollu 'computer generated'. Illi ghal rigward tal-pagi ta' l-impjegati ta' Ausonia Limited kif ukoll tal-commissions dovuti, kienu **jidhru biss l-ammont ta' flus pagabbli** u mhux ir-rati. Paul Wismayer ikkonferma illi s-sistema' adoperata fil-kumpanija Ausonia Limited kienet 'computer generated' u li dan kollu kien abbinat ma' l-istocks ta' l-istess kumpanija.

L-imputat, Noel Calleja, ezebixxa Dok.NCX u cioe kuntratt bejnu u bejn Ausonia Limited fejn l-imputat obbliga ruhu illi jhallas is-somma ta' ghaxart elef lira maltin (Lm10,000) sa l-ahhar ta' Ottubru 2008 lis-socjeta' kwerelanti.

Dr.Albert Grech, a fol.417, ikkonferma l-kontenut tal-kuntratt Dok.NCX u irtira l-azzjoni kriminali da parti ta' Vivien Commercials u Ausonia Limited.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda fuq prodotta, l-Qorti hi tal-fehma illi l-prosekuzzjoni lahqet il-livell probatorju rikjesta fil-kamp kriminali u cioe dik bla dubbju dettat mir-raguni ghal dak illi jirrigwarda falsifikazzjoni ta' dokumenti inluzi dokumenti bankarji u invoices li permezz taghhom l-imputat kiseb qliegh konsiderevoli.

Il-provi fir-rigward ta' l-akkuzi ta' falsifikazzjoni f'dan il-kaz huma pjuttost sgiaccanti u jinkwadraw is-segwenti:

1). Il-falsifikazzjoni tad-dokumenti Bankarji Dok.VG1, 2 allegatament mahruga minn Paul Bonnici Mallia - BOV li kkonferma li l-firma ma kinitx tieghu u li l-kontenut ma kienx veritier. Il-provi juru, di piu', illi l-imputat ametta dan kollu quddiem Vivien Gatt tant illi l-istess imputat, Noel Calleja, rrizenja mill-impjieg tieghu l-gurnata sussegwenti.

2). Il-falsifikazzjoni ta' invoices ta' Thomas Cook Finance Malta Limited Dok.VG4, VG5 li gew ikkonfermati bhala foloz minn Brian Micallef, Direttur ta' Thomas Cook Financing Services u jirrizulta illi dawn gew trasferiti lill-imputat.

3). Il-falsifikazzjoni tac-cheques ta' Sahara Presentation Systems PLC fejn Manager tal-Bank Anthony Azzopardi kkonferma li l-iswift transfers kienu falsifikati. (Dok.AA1, 2, 3)

4). Illi di piu mir-relazzjoni ta' l-espert Bajada jirrizulta illi l-kaligrafija kontenuta f'Dok.VG9 kienet maghmula mill-istess id illi wettqet il-kaligrafija kontenuta f'Dok AA4A.

5). Illi in oltre hemm pprovat sodisfacentement il-falsifikazzjoni ta' personal reference ta' l-imputat allegatament mahrug mid-Diretturi kollha ta' Vivien Corporation u Ausonia Limited u c-cahda kategorika ta' dawn it-tlett Diretturi tal-firem li jidhru f'Dok.VG11, VG12 u l-falsita' tal-kontenut ta' l-istess dokumenti. Illi l-benefikarju ta' dawn r-referenzi seta kien biss l-imputat.

Illi apparti dana kollu, hemm il-kuntratt Dok.NCX ezebit mill-imputat u konfermat mis-socjeta' kwerelanti fejn l-imputat obbliga ruhu li jhallas s-somma ta' Lm10,000 (ekwivalenti ghal 23, 293.73 Euro) lill-istess socjeta' kwerelanti li gie pprezentat fi stadju tardiv ta' din il-kawza.

Illi jirrizulta sodisfacentement illi l-imputat ghamel uzu minn dawn id-dokumenti Bankarji bl-eskluzjoni ta' Dok.VG1 u 2, sabiex jikseb ghalieh innifsu gwadann finanzjarju.

In oltre l-akkuzi ta' falsifikazzjoni u uzu ta' dokumenti maghrufa bhala falsifikati, l-imputat huwa wkoll mixli bir-reat mahsub f'Artikolu 308 li jghid:

*"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn. "*

Illi mill-fatti migjuba a konjizzjoni taghha, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma jissussistix l-elementi kardinali tar-reat ta' mis en scene.

***"Illi l-gurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissusstixxi r-reat tat-truffa, mhux bizzejjed is-semplici gidba, kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibbilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke atti teatrali. Irid ikun att jew atti li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajjmu sentimenti kif hemm indikat fil-fuq kwotat Artiklu 308 Kap.9. Irid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif inqtal il-gideb wahedhom mhumiex sufficenti. Iridu jkunu atti, inkluz kliem helu u perswassiv, li jwasslu lil xi hadd jemmen fl-ezistenza ta' xi haga imsemmiha mill-frodatur, liema haga, in realta ma tezistix. Minbarra l-gideb ghalhekk irid ikun hemm l-ingann, ir-raggieri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak illi qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici."*** **(ara Pulizija vs George Manicolo deciza fit-31 July 1998 Qorti ta' l-Appell Kriminali)**

Apparti dana kollu, kif jirrizulta mill-insenjament ta’ l-istess Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija vs. Emanuel Ellul deciza fit-20 ta’ Gunju 1997**, jehtieg sabiex jissusstixxi r-reat ta’ truffa illi l-artifizji jew ir-raggieri jridu jkunu idonei li jinducu lil vittma fi zball - ingann u b’konsegwenza ta’ dak l-izball, il-vittma taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegh ghall-agent. Illi ghalhekk:

***“Element essenzjali iehor tar-reat ta’ truffa huwa t-telf patrimonjali li jgarrab lil vittma bil-konsegwenti qliegh ghall-agent.” (ibid)***

L-agir ta’ l-imputat ghal dak illi jirrigwarda c-cirkustanzi kollha li ghandhom x’jaqsmu mall-Progett 2000, progett inezistenti, fid-dawl ta’ Dok.VG1 u VG2 **b’ebda mod ma ssarraf f’telf patrimonjali da parti tas-socjeta’ kwerelanti jew xi gwadan finanzjarju ghall-imputat**. In fatti l-agir ta’ l-imputat ma wera ebda raggieri raffinati intiz sabiex jinduci lid-Diretturi ta’ l-Ausonia Limited jhemmnu b’xi entrapriza attraenti li biha huma jigu mhajra jghaddu xi flejjes jew investiment, sostanzjali o meno lill-imputat. Bl-istess mod, l-imputat ma ghamel l-ebda gwadann minn din il-kwistjoni.

Illi in oltre l-imputat ma jidhirx illi kellu pjan jew mira ffukata u l-agir tieghu juri semplici opportunizmu li kull fejn seta u ma kull okkazjoni l-imputat selah lil kumpanija Ausonia Limited li taghha kien General Manager.

Wiehed irid jippreciza f’dan l-istadju illi l-falsifikazzjoni u uzu ta’ dokument falsifikat ma jistghux jigu kklassifikati **ukoll** taht il-mis en scene **altrimenti l-imputat ikun qed jigi punit doppiament ghall-istess azzjoni illecita.**

Illi l-Qorti tikkonsidra illi il-parti l-ohra tal-fattispecie tal-kaz jaqghu fil-parametri tar-reat ta’ approprazzjoni indebita.

**In fatti l-Artikolu 293 jipprovdi:**

***“Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn***

***haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-pieta ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar.***

***Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti."***

**Kif gie ritenut, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fis-sentenza Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edward Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998:**

***"Dan ir-reat (mahsub fl-Artikolu 293 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta) isehh meta wiehed:***

***1). Jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd.***

***2). Bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik il-haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku.***

***3). U minflok ma jaghmel hekk, idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."***

Illi ghalhekk, ghal rigward ta' l-ispiza inkorsa mill-imputat fi vjaggjar illi rrizulta kien ghal skopijiet personali fl-ammont ta' hamest elef tlett mija hamsa u tmenin lira maltin (Lm5, 385); ghal rigward ta' nuqqas ta' cash ta' tmin mitt lira maltin (Lm800 - xhieda ta' l-Auditur David Valenzia) u ghal rigward ta' nuqqas ta' petty cash f'ammont ta' mitejn tnejn u tmenin lira maltin (Lm282), din il-Qorti hi tal-fehma li jissustixxu l-element kardinali fuq indikati ta' l-approprijazzjoni ndebita. Di piu, jirrizulta ampjament pprovat illi l-approprijazzjoni debita da parti ta' l-imputat setghet ssehh biss permezz ta' "kariga jew servizz tieghu" konsistenti fl-impjieg ta' l-istess imputat fi hdan Ausonia Limited u dana kif mahsub fl-Artikolu 294 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-istess Artikolu 294 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jezigi illi f'kaz illi jissussisti dan l-aggravju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex-ufficjo u ghaldaqstant mhijiex rinunzjabbli mil-

parti leza, liema renunzja fil-fatt saret minn Dr. Albert Grech ghas-socjeta' kwerelanti.

Illi l-Qorti tippreciza f'dan l-istadju illi hi tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma provatx il-kaz taghha ghal rigward ta' diskrepanzi ta' l-istock tal-Kumpanija Ausonia f'ammont ta' tmien elef u tlett mitt lira maltin (Lm8,300) u dana il-ghaliex din il-Qorti ma gietx ipprezentata b'dokumentazjoni illi juri l-'istock taking' tal-kumpanija fi snin ta' qabel l-allegat akkuza u di piu jirrizulta illi kien hemm ammont sostanzjali ta' impjegati li kellhom x'jaqsmu ma' l-istock.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u hames (5) akkuza, mhux hati tas-sitt (6) akkuza li minnha tilliberah, b'assorbiment ai fini ta' piena tat-tielet u r-raba' akkuza fl-ewwel zewg akkuzi, u wara li rat Artikoli 183, 184, 185, 186, 187, 189, 293 u 294, Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali ta' l-imputat, il-fatt illi l-imputat obbliga ruhu permezz ta' kuntratt ezebit in atti li jhallas Lm10,000 (ekwivalenti ghal 23,293.73 Euro) lis-socjeta' kwerelanti, il-fatt illi l-kwerelanti kienu propenzji illi jirrinunzjaw ghal dak kollu rinunzjabbli.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------